**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru: 103/2017 MLF**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 741/17**

**Raymond Scerri**

**vs**

**Christopher Caruana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Christopher Caruana fejn espona s-segwenti:

Illi l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi.

Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-Artikolu 253e tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-istess ittra ufficjali.

Illi fl-ewwel lok il-kambjali pprezentati flimkien mal-ittra ufficjali huma monki ghal dak li jirrigwarda l-formalitajiet rikjesti mill-Ligi.

Illi jirrizulta li mkien fl-istess kambjali ma hemm indikazzjoni tal-Karti tal-Idenitita' tal-persuni li isimhom jidher fuq l-istess kambjali.

Illi l-istess kambjali *in pessima ipotesi* hija pagabbli lil entita li jisimha Carol Garage u mkien fl-ittra ufficjali in kwistjoni ma hemm indikazzjoni li l-istess Raymond Scerri qieghed jagixxi f'isem u ghan-nom tal-istess Carol Garage.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk l-istess kambjali kienu intizi ghal hlas tat-trasferiment tal-vettura bin-numru MX 03 BPF, il-kambjali in kwistjoni huma nulli stante li l-konsiderazzjoni taghhom hija wahda illecita ghaliex fl-ewwel lok il-vettura qatt ma kienet registrata f'isem Raymond Scerri, fit-tieni lok sal-lum l-istess Raymond Scerri ghadu ma ttrasferiex il-vettura lil Christopher Caruana u fit-tielet lok tali trasferiment qatt ma jista jsir stante li l-vettura li ghada l-Ingilterra ghand d-ditta CarplaceUK Limited ma tista qatt tigi debitament licenzjata mill-awtoritajiet Inglizi minhabba n-nuqqasijiet li ghandha u kwindi tinsab fi stat illegali.

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li l-intimat nonostante li gie debitament notifikat ma deherx fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017 u lanqas ipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tar-rikorrent.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-2013, ir-rikorrent xtara minghand l-intimat vettura tat-tip *tow truck* li huwa registrat gewwa l-Ingilterra, u dan ghal prezz ta' €7,500. Parti mill-prezz, u cioe l-ammont ta' €2000, thallas bil-quddiem, u r-rimanenti bilanc kellu jithallas b'pagamenti mensili ta' €500.[1]

2. Ir-rikorrent jghid li meta mar l-Ingilterra biex jaghmel it-test tal-VRT ta' dan it-trakk, il-pulizija li wettqu dan it-test qalulu li dan it-trakk ma jistax jinstaq fit-triq u tawh lista ta' affarijiet li kellhom jigu rrangati.

3. Ir-rikorrent jghid ukoll illi ghal din ir-raguni hu u certu Hitesh Badiani maghruf bhala Harry kienu marru ghand mekkanik li kien tah stima ta' madwar erbat elef lira sterlina (£4,000) sabiex dawn il-problemi li kellu t-trakk jigu rrangati.

4. Ir-rikorrent ikompli jghid li sussegwentement kien cempel lill-intimat biex jghidlu li t-trakk ma riedux aktar u li l-ammont ta' elf euro (€1,000) (sic) li r-rikorrenti kien diga' hallas lill-intimat riedhom lura. Jghid li l-intimat kien infurmah li t-trakk ma riedx jiehdu lura ghaliex skond l-intimat it-trakk kien tajjeb. Jghid ukoll li it-trakk baqal-Ingilterra fil-pussess ta' Harry, u ilu hemm xi tlieta jew erba' snin.

5. Jghid ukoll illi huwa kien waqqaf il-pagamenti tal-kambjali u li ghal din ir-raguni l-intimat kien talab il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent jghid li sussegwentement huwa kien hallas is-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda l-intimat ipprezenta l-ittra ufficjali fuq imsemmija kontrih sabiex jirrendi ezekuttivi l-kambjali fl-ammont totali ta' tlett elef euro (€3,000).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qieghed jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali annessi mal-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, liema artikolu jipprovdi kif gej:

---

[1] Ara fol. 6 tal-process.

*"(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ :*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni, u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso"*

L-intimat ma ipprezentax risposta ghar-rikors odjern u lanqas deher f'dawn il-proceduri. Pero huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal ammissjoni tat-talbiet tar-rikorrent. Kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fis-sentenza **Il-Kummissarju tal-Artijiet vs John Curmi**, deciza fil-31 ta' Jannar 2003:

*"Issa huwa minnu li l-konvenut li jibqa' kontumaci ma jfissirx li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza jew li ammetta d-domanda. (**Vol. XXIX P III p 35**);*

*Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza recensjuri, l-isitut tal-kontumacja hu intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min gie citat biex jersaq quddiem il-Qorti ("**Vivian Charmaine Mizzi –vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju 2001);*

*Ghalhekk sta ghall-gudikant biex jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut;"*

---

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Ir-rikorrenti jressaq diversi ragunijiet in sostenn tat-talba tieghu fosthom billi jghid illi l-kambjali huma monki u kwindi mhumiex validi, ghaliex neqsin mill-indikazzjoni tal-karta tal-identita' tal-persuni li isimhom jidher fuq l-istess kambjali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc li jippreskrivi il-forma li ghandu jkollha l-kambjala billi jipprovdi illi:

*"Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta` dak li għandu jħallas, u l-isem ta` dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f`merkanzija, f`kont, jew f`kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha."*

Imkien f'dan l-artikolu ma jinghad illi l-kambjala ghandu jkun fiha il-karta' tal-identita' tal-persuni li isimhom ikun indikat fuq l-istess kambjala. B'zieda ma dan, il-Qorti tinnota illi fl-ebda hin ir-rikorrenti ma lmenta illi l-firma fuq il-kambjali ma jappartjenux lilu. Ghalhekk il-fatt li fuq il-kambjali ma gewx indikati in-numri tal-karti tal-identita' ma jgibx in-nullita' tal-kambjali.

Ghaldaqstant issa din il-Qorti trid tezamina jekk f'dan il-kaz jezistux ragunijiet *validi u gravi* il-ghaliex din il-Qorti ghandha tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjali.

Fil-hames paragrafu tar-rikors tieghu, ir-rikorrent jghid illi *in pessima ipotesi* il-kambjali huma pagabbli lill-entita' bl-isem Carol Garage u mhux lill-intimat. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi mill-ftehim anness mal-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri jirrizulta b'mod car illi kien l-intimat illi kien qieghed ibiegh il-vettura in kwistjoni lir-rikorrent.[3] Minkejja li fuq il-kambjali jidher illi l-hlas ghandu jsir *to the order of Carol Garage*, kif jirrizulta mill-istess kambjali huwa l-intimat li ghandu jircievi l-hlas hemm indikat. Anke jekk ghal grazzja tal-argument f'dan il-kaz it-traent hija Carol Garage, dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-obbligu assunt mir-rikorrent fl-imsemmija kambjali kien li huwa jhallas lill-intimat. Inoltre, l-artikolu 127 tal-Kodici Kummercjali jispecifika illi "*Il-kambjala tista' tinġibed għall-ordni ta' terza persuna, jew għall-ordni ta' dak stess li ġibidha*." Ghalhekk anke dan l-ilment tar-rikorrent ma huwiex gustifikat.

[3] Ara fol. 6 tal-process

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni maghmula implicitament mir-rikorrenti fl-affidavit tieghu – u mhux fir-rikors promotur - illi l-hlas ta' dawn il-kambjali diga' sar in parte, ghax huwa diga hallas l-ammont ta' €2,500 wara mandat ta' sekwestru li ghamillu r-rikorrent, il-Qorti tirrileva illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova ta' dan l-allegat hlas, u wisq inqas prova li dan il-hlas kien ikopri *in parte* l-istess ammont pretiz bil-kambjali in kwistjoni.

Fl-ahharnett, fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jissottometti illi l-kambjali in kwistjoni huma nulli stante li l-konsiderazzjoni taghhom hija wahda illecita ghaliex:

(i) il-vettura qatt ma kienet registrata f'isem l-intimat,

(ii) sal-lum l-intimat ghadu ma ttrasferiex il-vettura lir-rikorrent;

(iii) tali trasferiment qatt ma jista jsir stante li l-vettura li ghadha l-Ingilterra ghand d-ditta CarplaceUK Limited ma tista qatt tigi debitament licenzjata mill-awtoritajiet Inglizi minhabba n-nuqqasijiet li ghandha u kwindi tinsab fi stat illegali.

L-Artikolu 990 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *"Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku."*

It-tlett ragunijiet li qed jaghti r-rikorrent ghaliex skond hu l-konsiderazzjoni tal-kambjali hija wahda illecita – anke jekk ghal grazzja tal-argument biss jinghad f'dan l-istadju li gew debitament pruvati – m'humiex ragunijiet li jirrendu l-konsiderazzjoni illecita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kodici Kriminali, imma huma ragunijiet li fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrent, jistghu jiksru d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili fuq l-obbligi tal-venditur f'kuntratt tal-bejgh, u l-istess Kodici jippreskrivi r-rimedji disponibbli lix-xerrej f'eventwalita li tigi ippruvata xi wahda minn dawn ir-ragunijiet.

Rigward l-ewwel raguni, u cioe li l-vettura mhix registrata f'isem l-intimat, hi ghal kollox irrelevanti ghal fini tal-konkluzjoni ta' kuntratt ta' bejgh. F'kuntratt ta' bejgh, dak li hu rilevanti hu li l-venditur huwa s-sid tal-oggett li qed ibiegh, u mhux li l-oggett hu registrat f'isem il-venditur ghal finijiet ta' ligijiet ohra. Imbaghad huwa l-obbligu tal-venditur li jaghti lill-kompratur il-pussess u l-godiment tal-oggett mibjugh. Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent jghid li hu ha l-vettura l-Ingliterra, peress li kienet registrata hemm, sabiex jaghmlilha t-test tal-VRT u jibda' juzaha. Ghalhekk, jirrizulta li l-intimat ta l-pussess tal-vettura lir-rikorrent.

Ir-rikorrent jezebixxi fotokopja ta' dokument[4] li juri li l-vettura kienet registrata fuq isem is-socjeta Als Plant & Salcage Ltd, b'indirizz go l-Ingilterra, pero d-data ta' meta din is-socjeta rregistrat il-vettura in kwistjoni fuq isimha giet deliberament ingassata. Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova indipendenti li l-vettura ma kinietx registrata fuq isem l-intimat fid-data li fiha sar il-bejgh, u lanqas prova li l-intimat jew xi persuna li fuqha kienet irregistrata il-vettura go l-Ingilterra, irrifjutat li titrasferixxi r-registrazzjoni tal-vettura ghal fuq ismu.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tar-rikorrent jissottometti li gie ippruvat li l-intimat ma kienx sid il-vettura. Apparti li din ir-raguni ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali giet sollevata biss fit-trattazzjoni orali, certament ma ngabet l-ebda prova li l-intimat ma kienx sid il-vettura. Kif diga inghad, id-dokument ezebit mir-rikorrent juri min kienu l-persuni li fuqhom il-vettura kienet registrata f'xi zmien pero l-istess dokument ghandu miktub b'ittri kapitali kbar fil-bidu tieghu *"THIS DOCUMENT IS NOT PROOF OF OWNERSHIP"*. Kull kumment ulterjuri ta' din il-Qorti ikun superfluwu.

Rigward it-tieni raguni u cioe li l-intimat baqa' ma ittrasferiex il-vettura fuq isem ir-rikorrent, apparti li ma giet prodotta l-ebda prova indipendenti li kien hemm xi problema legali biex il-vettura tigi trasferita fuq isem l-intimat, fl-affidavit tieghu l-intimat stess jghid li wara li hareg ir-rizultat tat-test tal-VRT, huwa kien cempel lill-intimat u qallu li l-vettura ma jridix u jrid flusu lura ghax il-vettura ma kienitx tajba, u li l-intimat irrifjuta u qallu li mhux se jiehu l-vettura lura, ghaliex skond l-intimat il-vettura ma kienitx tajba. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent qieghed jilmenta li l-intimat baqa' ma ittrasferix il-vettura fuq ismu, meta kien hu stess li qal lill-intimat li l-vettura ma ridiex, u l-intimat irrifjuta li johodha lura. Jekk ir-rikorrent ried jirritorna l-vettura lura lill-intimat – anke jekk ghal argument biss kellu raguni valida – certament ir-rikorrent ma kienx dispost li jiffirma xi dokument ta' trasferiment tal-vettura ghal fuq ismu.

Rigward it-tielet ilment u cioe l-hsarat jew difetti li r-rikorrent jallega li kellha l-vettura, u in sostenn tax-xhieda tieghu fl-affidavit, ir-rikorrent ipprezenta fotokopja ta' dokument allegatament mahrug minn "Vehicle & Operator Services Agency"[5] fejn hemm elenkati numru ta' hsarat/difetti li allegatament kellha l-istess vettura meta giet spezzjonata fis-27 ta'

[4] Ara fol. 21 tal-process.
[5] Ara fol. 22 tal-process.

Frar 2014. Dan id-dokument mhu iffirmat minn hadd, u ma giex konfermat bil-gurament mill-persuna li kitbitu. Inoltre, il-formula fuq wara tal-istess dokument intestata *"Notification of Refusal of a Vehicle Test Certificate"* giet imhollija totalment vojta. Ghalhekk dan id-dokument lanqas biss huwa prova li l-vettura ma ghaddietx it-test tal-VRT, jew li ghal xi raguni ohra ma tistax tigi licenzjata mill-awtoritajiet Inglizi. Ghalhekk dawn l-allegati difetti ma gewx debitament ippruvati bi provi indipendenti.

Fi kwalunkwe kaz, huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li f'kaz li l-oggett mibjguh ma jkunx qed jiffunzjona sewwa, r-rimedji miftuha lix-xerrej huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita mweghda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. (ara **Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs Joseph Camilleri et**, deciza fit-28 ta' Jannar 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6]).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pitre vs Anthony Muscat**, deciza fit-2 ta' Gunju 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] irriteniet illi: "*Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jeskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, fil-waqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita` miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero`, irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita` inferjuri jew hsara biss wara li jigi azjonat ghal hlas*."

Issa mill-affidavit stess tar-rikorrent jirrizulta li ghalkemm huwa jallega li l-vettura kellha l-hsara jew kienet difettuza, huwa baqa' jzomm il-vettura, ghalkemm halliha fil-pussess ta' terza persuna, go l-Ingilterra, u ma hax passi legali biex jirreklama d-drittijiet tieghu kontra l-intimat. Huwa biss issa, wara li ircieva l-ittra ufficjali mibghuta mill-intimat sabiex jirrendi l-

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[7] *Per* Imhallef Tonio Mallia, konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tal-25 ta' April, 2008.

kambjali ezekuttivi, li intavola dawn il-proceduri fejn *inter alia* qajjem il-kwistjoni tal-kwalita inferjuri jew hsara.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, certament ma jistghax jinghad li r-rikorrent ipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li jezistu ragunijiet gravi u validi li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni mertu tal-ittra ufficjali numru 741/17 fl-ismijiet premessi.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**